# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 544/2018 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**RV**

**vs**

**SCV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' RV, datat 10 ta' Dicembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007).*

2. *Illi mill-istess unjoni twieled tifel, IPV li llum il-gurnata ghandu 9 snin.*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mit- 2 ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) bis-sahha ta' kuntratt pubbliku redatt min-Nutar Dr Reuben Debono, hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok RV1*** *("****Il-Kuntratt****").*

4. *Illi in oltre` l-partijiet ilhom de facto separati u ilhom ma jghixu l-hajja mizzewga sa mis-sebgha (7) ta' Dicembru 2014 kif jirrizulta mill-klawsola numru ghaxra (10) tal-Kuntratt.*

5. *Illi ghalhekk r-rikorrenti ilhom aktar minn erba` snin snin jghixu hajjithom indipendenti minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli li jirrikonciljaw.*

6. *Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut a favur il-partijiet stante dekadenza reciproka li tirrizulta mill-klawsola numru erbgha (4) tal-Kuntratt.*

7. *Illi l-manteniment dovut lill-wild taghhom qed jihallas regolarment u puntwalment mill-esponenti RV skont il-klawsola numru hamsa (5) tal-Kuntratt.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tas-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' SCV, datata 17 ta' Jannar, 2018, a fol 22 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti tikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn erba' snin isseparati u li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni;*

2. *Illi effettivament l-esponenti taqbel ukoll illi bhala stat ta' fatt m'hemmx arretrati ta' manteniment, u ghalhekk m'ghandhix oggezzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;*

3. *Illi finalment l-esponenti topponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**RV** xehed permezz t'affidavit a fol 2 u *viva voce* a fol 24 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Gunju 2007 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-2 ta' Gunju 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, li ghadu minuri. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**SCV** xehdet a fol 26 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat, illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Gunju, 2007 (Vide Dok RV2, certifikat taz-zwieg a fol 14) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel, li ghadu minuri;

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Gunju, 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono (Vide Dok RV1, a fol 3 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet u li l-manteniment ghall-wild il-partijiet dejjem thallas.

Il-Qorti tqis pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**L-ispejjez ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**